# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju, 2001**

**Numru 2**

**Cit. Nru. 712/87 JF**

**Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socejta' Youth Hostels Limited**

**vs**

**Victor Gauci u Alfred Bugeja ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tat-8 ta' Marzu, 1987, Victor u Charles ahwa Gauci gew kjamati in kawza bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Baloons Limited**

Qabel tipprocedi oltre din il-Qorti jehtigilha tiddeciedi talba ta' l-appellant Alfred Bugeja biex tissorprassjedi sakemm tigi deciza kawza

minnu proposta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (allura il-Qorti tal-Kummerc) kontra l-appellat Joseph Borg f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Youth Hostels Limited (Cit. Nru. 337/95 GCD). F'dik il-kawza l-appellant jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-fondi TRAMPS Bar u s-sulari ta' fuq l-istess, gewwa Bugibba, mertu ta' din il-kawza u ohrajn, kienu lilu mikrija ai termini ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Gunju, 1976. Skrittura li huwa esebixxa ghall-ewwel darba fl-atti ta' dik il-kawza.

L-appellant infatti qed jissottometti li f'dik il-kawza qed jigu sottomessi provi godda in linea ta' dokumentazzjoni li kellha twassal sabiex il-Qorti tiddeciedi li l-appellant kellu titolu validu fil-ligi u dan seta' jaffettwa l-ezitu ta' din il-kawza, kif ukoll ikollu effett fuq dak li kien gie deciz fis-sentenzi bic-citazzjoni numri 516/81 u 523/80 rispettivament bejn il-kontendenti odjerni, decizi fit-8 ta' Gunju, 1987 mill-istess Qorti tal-Kummerc.

Din il-Qorti ezaminat l-atti rilevanti ghal din it-talba u ssib li bl-ebda mod ma tista' tigi fil-ligi sostnuta. Infatti dak li qieghed jipprospetta l-appellant fir-rikors tieghu huwa mezz ta' kontestazzjoni ta' sentenzi li definittivament ghaddew in gudikat, apparti l-prezenti istanza li hi wahda konsegwenzjali ghal dawk il-gudikati.

Issa hu risaput li l-gudikati finali  ma jistghux jigu kontestati jekk mhux bil-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni.  Il-kawza li ghaliha l-appellant qed jirreferi bhala raguni ghas-soprasessjoni mitluba m'hijiex wahda ta' ritrattazzjoni, imma tista', fl-ahjar ipotesi ghalih, tkun meqjusa bhala pass li jista' eventwalment iwassal ghal procedura ta' dik ix-xorta.

F'kull kaz la l-procedura ta' ritrattazzjoni ma kellha timporta s-sospensjoni tal-proceduri in corso, u wisq anqas azzjonijiet li setghu forsi jitqiesu, jekk ikollhom ezitu posittiv, bhala preludju ghal talba ghal smiegh mill-gdid ta' dawk il-kawzi.  Kjarament allura mhux il-kaz li din il-Qorti tissorprassjedi u kellha tipprocedi biex tittratta u tiddeciedi l-kawza fuq l-atti kif jirrizultaw quddiemha, salv dejjem u impregudikat d-dritt ta' azzjoni miftuha lill-kontendenti  fir-rigward tal-mertu.

Ghal dawn il-motivi t-talba qed tigi michuda u l-Qorti tordna li l-kawza tigi trattata il-mertu u fuq hekk deciza.  Spejjez ta' dan l-incident ghar-rikorrent appellant.

Dep/Reg

mm